# Festa Frawli 2022

## Kompetizzjonijiet tal-Poeżija u Kitbiet Qosra

Minkejja r-restrizzjonijiet li ġabet magħha l-pandemija tal-Covid 19, il-Kummissjoni Lejla Mġarrija u l-Kunsill Lokali tal-Imġarr, għar-raba' sena konsekuttiva, se jorganizzaw il-kompetizzjonijiet tal-poeżija u l-kitbiet qosra.

Fis-snin l-imgħoddija Festa Frawli kienet festa li tiċċelebra l-frawli u tirrappreżenta l-komunità vibranti tal-Imġarr li tlaqqa' flimkien bdiewa u voluntiera. Fl-2022, Festa Frawli ma nafux jekk tkunx tista' tiġi ċċelebrata fiżikament iżda xorta waħda ħsibna li għal sena oħra norganizzaw il-kompetizzjonijiet tal-poeżija u kitbiet qosra bit-tema ewlenija tkun il-frawli.

**<u>Dwar il-kompetizzjoni</u>**

Il-kompetizzjoni hija miftuħa għall-pubbliku li jista' jieħu sehem b'kitbiet ta' poeżija, kif ukoll bi proża qasira. Il-kontributuri (Imġarrin u mhumiex) jistgħu jibagħtu massimu ta' 3 poeżiji oriġinali jew 3 kitbiet qosra. Is-sottomissjonijiet iridu jintbgħatu **<u>f'format digitali</u> fuq l-indirizz elettroniku festafrawli@gmail.com sal-Erbgħa 16 ta' Frar, 2022,** bis-suġġett "Kompetizzjoni tal-Poeżija" / "Kompetizzjoni tal-Kitbiet Qosra"

**<u>Il-kompetizzjoni se tkun maqsuma f'dawn il-kategoriji.</u>**

*** Studenti minn Year 4 sa Year 8 - Kategorija A**

*** Żagħżagħ minn Year 9 sa 20 sena - Kategorija B**

*** Adulti minn 21 sena 'l fuq - Kategorija Ċ**

Mal-poeżija/i jew kitbiet, il-kontributuri mistennija jimlew il-formola mehmuża ma' din is-sejħa. Il-kitbiet infushom irid ikollhom miktub fuqhom psewdonimu (isem fittizju) iżda x-xogħlijiet magħżula jkunu ppubblikati bl-isem tal-awturi. Kitbiet b'koawturi jiġu aċċetati wkoll.

Il-Kumitat organizzattiv ħatar 3 evalwaturi mill-qasam tal-letteratura sabiex jiġġudikaw is-sottomissjonijiet mibgħuta. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-evalwaturi jkunu finali, u l-evalwaturi jirriservaw id-dritt li jissuġġerixxu xi bidliet. Sottomissjonijiet li ma jimxux ma' dawn il-kriterji jistgħu jiġu skwalifikati. L-evalwaturi jirriservaw id-dritt li ma jagħżlu ebda poeżija jekk ma jintlaħaqx il-livell mixtieq. L-ismijiet tal-evalwaturi jitħabbru wara l-kompetizzjoni.

## Dwar il-poeżija

Il-poeżiji li se jintbagħtu għall-kompetizzjonijiet jridu jsegwu dawn il-linji gwida.

1. **Tema**: Kitba mnebbaħ mill-frawli – mhux bilfors marbuta mal-proċess agrikolu jew mat-tkabbir tal-prodott
2. **Tul**: Mhux itwal minn 30 vers
3. **Lingwi:** Malti jew Ingliż (preferibbilment bil-Malti)

## Dwar l-istorja jew novella

1. **Tema:** Kitba mneħħba mill-frawli
2. **Tul:** Kategorija A – sa 200 kelma. Kategoriji B u Ċ – sa 500 kelma.
3. **Lingwi:** Malti u Ingliż (preferibbilment bil-Malti)

## Rigali

Se jkun hemm 3 rebbieħa f'kull kategorija.

Ir-rigali jinkludu trofew, kotba mingħand Merlin Publishers u numru ta' vawċers.

L-aħjar poeżiji u kitbiet se jkunu stampati fi ktejjeb u jingħata ċertifikat ta' parteċipazzjoni lill-parteċipanti kollha.

### Kalendarju

| | |
|---|---|
| 29 ta' Novembru 2021 | Tiftaħ il-kompetizzjoni |
| 16 ta' Frar 2022 | Tagħlaq is-sejħa |
| Frar/Marzu | Perjodu ta' evalwazzjoni |
| 11 ta' Marzu 2022 | Jitħabbru r-rebbieħa |
| Marzu/April | Perjodu ta' editjar |
| 24 ta' April 2022 | (Festa Frawli) |

## Formola biex tipparteċipa fil-Kompetizzjoni tal-Poeżija / Kitbiet Qosra

**DETTALJI PERSONALI**

Isem ________________________ Kunjom __________________

Numru Tal-ID ___________________

Indirizz Postali:

____________________________________________________________

____________________________________________________________

Indirizz eletroniku: ____________________________________________

In-numru tad-dar / mobajl ____________________________________

**DETTALJI TAL-POEŻIJA / KITBA TA' STORJA JEW NOVELLA**

Isem il-Poeżija/ Kitba Qasira _______________________________________

Isem il-gwardjan/a (għal tfal/żgħażagħ taħt is-16-il sena):

______________________________________

Psewdonimu_____________________________

Kategorija A: _______ Kategorija B: ________ Kategorija C: _______

Din hija l-unika poeżija / kitba li sottomettejt għal din il-kompetizzjoni:

IVA ________ LE ________

Din il-poeżija / kitba miktuba minni u ma dehret imkien qabel:

_____________________________

_______________

iffirma hawn fuq